# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 3**

**Rikors numru 742/09 AE**

**Anthony Mifsud u Mary Rose Seguna**

**v.**

**Joseph Mifsud, Carmen Cilia, Frances Mifsud u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2011 l-atti gew trasfuzi fl-ismijiet ta' Mary Rose Seguna, Antonio Mifsud, Joseph Mifsud u Carmen Cilia stante l-mewt ta' Frances Mifsud; u b'digriet tal-31 ta' Awwissu 2009 gew nominati Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Anthony sive Antonio Vassallo li jinsab assenti minn dawn il-gzejjer**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell tal-atturi mis-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Marzu 2014 fejn gie deciz illi l-atturi ma tawx prova li l-genituri taghhom

kienu saru proprjetarji tal-kamra eretta fuq l-ghalqa maghrufa tat-Tumbrell oggett tal-kawza bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena u ghalhekk giet michuda t-talba attrici bl-ispejjez kontrihom.

2. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-kaz hu dwar kamra gewwa Delimara limiti ta' Marsaxlokk, li l-atturi jsostnu li saret proprjeta` tal-genituri taghhom bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena u li huma u huthom wirtu minghandom. Il-konvenut Joseph Mifsud isostni li l-kamra hi proprjeta tieghu wara li akkwistaha minghand certu Anthony Vassallo, b'kuntratt ta' donazzjoni tal-31 ta' Jannar 2007 pubblikat min-nutar Dr Alexander J. Sciberras Trigona (fol. 7). Carmel u Frances konjugi Mifsud kellhom erbat itfal, l-atturi (Anthony u Mary Rose Seguna), Carmen Cilia u l-konvenut Joseph Mifsud. Carmel Mifsud miet fis-16 ta' Settembru 1999 (fol. 25). Frances Mifsud mietet fil-5 ta' Ottubru 2009.
>
> "Ghall-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena hemm bzonn li l-pussess ikun materjali u l-pussessur irid ikollu l-intenzjoni li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku kien il-proprjetarju taghha (animus domini). Skond l-Artikolu 525 tal-Kodici Civili:
>
> "(1) Il-prezunzjoni hija dejjem li kull persuna tippossjedi ghaliha nfisha, u b'titolu ta' proprjeta', meta ma jigix ippruvat li hija bdiet tippossjedi f'isem ta' persuna ohra.".
>
> "Mill-provi rrizulta kif din il-kamra kienet tintuza minn Carmel Mifsud sa mis-snin sittin u baqghet tintuza minnu u l-familja tieghu.
>
> "Fl-ewwel lok l-atturi jridu jaghtu prova li flimkien ma' huthom huma sidien il-kamra. Ladarba jsostnu li wirtu l-kamra minghand il-genituri, irid jigi determinat jekk fil-fatt il-kamra kenitx proprjeta tal-genituri. L-atturi qalu li dejjem jiftakru l-kamra fil-pussess ta' missierhom. Il-konvenut Joseph Mifsud, fid-dikjarazzjoni guramentata (fol. 19) qal li missierhom qatt ma pposjeda l-kamra bhala sid u f'kull kaz Carmel Mifsud ma kellux pussess ghal tletin sena u l-kamra kienet fil-pussess esklussiv tieghu sa mis-sena 1987. F'dan ir-rigward il-qorti m'hijiex konvinta li Joseph Mifsud kellu l-pussess esklussiv. Ghalkemm huwa ressaq xhieda li kkonfermaw li kienu jarawh fil-post fejn hemm il-kamra, Carmen Cilia qalet li: "Qabel ma miet il-papa, ahna l-ahwa kollha kellna kopja tac-cavetta. Minn meta konna kbar bizzejjed biex ikollna cavetta konna inghatajna kopja tac-

cavetta, l-ahwa kollha, l-erba' li ahna. Tahilna il-papa." (fol. 105). Fil-fatt jidher li wkoll meta saru xogholijiet fil-kamra, il-bniet ikkontribwew ghall-ispejjez. Il-qorti m'hijiex konvinta li l-missier kien abbanduna l-kamra. Fil-fatt il-missier kellu wkoll cavetta[1].

"Madankollu l-qorti m'hijiex konvinta li fir-realta' l-kamra kienet saret proprjeta' ta' Carmel Mifsud bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin (30) sena, u dan ghaliex:-

"i. ma jirrizultax li meta Carmel Mifsud miet fl-1999, xi hadd minn uliedu kien iddenunzja l-kamra. Sa dak iz-zmien kienu diga' ghaddew tletin (30) sena minn meta l-kamra kienet fil-pussess ta' Carmel Mifsud. Jekk kif qalu l-atturi missierhom kien sar sid tal-kamra bil-preskrizzjoni akkwizittiva, x'inhi r-raguni li ma gietx denunzjata? L-attur xehed "Dwar it-taxxa tas-successjoni fuq din il-kamra, qatt ma sar kliem". Il-qorti tifhem li jekk fl-1999, cjoe' s-sena meta miet il-missier, l-ahwa Mifsud kienu jqiesu li fil-wirt ta' missierhom kien hemm ukoll il-kamra, allura l-proprjeta kellha tigi denunzjata. 'Il fatt li ma gietx flimkien ma' cirkostanzi li jissemmew hawn taht, hu rilevanti.

"ii. jidher li Carmel Mifsud kien dilettant tal-insib, tant li ma' gemb il-kamra kien hemm mansab. Il-qorti tifhem li jekk kien jippretendi li l-kamra kienet proprjeta' tieghu, allura l-istess kien jippretendi fir-rigward tal-mansab. Haga li ma rrizultax. Dan apparti li rrizulta li Carmel u Frances konjugi Mifsud kienu girien ta' Angela Vassallo.

"iii. hu veru li Anthony Mifsud xehed li missieru kien ighidilhom "Din hadd ma jkeccikom minnha. Il-papa` kien ighid hekk ghaliex kien ighidilna "Hawnhekk tieghi u taghkom." (fol. 73). L-attrici l-ohra qalet: "meta konna nirreferu ghall-kamra ta' Delimara, dejjem konna nitkellmu dwarha fis-sens li hi tal-papa`." (fol. 55). Pero' l-konvenuti Joseph Mifsud u Carmen Cilia taw versjoni totalment differenti. Joseph Mifsud xehed: "Il-papa` kien ighid li l-kamra selfietilu Vassallo. Qal kemm lili u kemm lill-huti l-ohra." (fol. 68). Carmen Cilia qalet: "Lill-papa' kont nisimghu jghid li l-permess inghatalu biex jaghmel uzu minn dil-kamra, minn mara…. Jien trabbejt li l-kamra mhix tal-papa'. Lill-missieri qatt ma smajtu jghid li l-kamra hi proprjeta` tieghu. Il-papa' kien isemmi li jekk fil-kamra naghmlu xi haga li mhix f'postha, li tista' twassal biex jirrabja s-sid, johduhilna." (fol. 104). Ghalhekk il-qorti ghandha zewg verzjonijiet opposti ghal xulxin.

"iv. m'hemmx prova li l-omm, Frances Mifsud, kienet qeghda tippretendi li hi s-sid tal-kamra. Sahansitra giet imharrka bhala konvenuta.

"v. Joseph Mifsud, hu Carmel Mifsud, xehed li huh kien ighidlu li l-mansab u l-kamra kien kriehom minghand mara jghidulha c-Ciniza; "Gieli smajtu jghid li sejjer ihallas xi kera, imma fejn imur ma nafx." (fol. 91).

[1] Joseph Mifsud spjega li wara li kien irranga l-kamra, "tajt cavetta lill-papa` u liz-ziju Zaren talli kien gheni. Tajt ukoll cavetta lil Mary Rose u Carmen, huti." (fol. 130).

Ghalkemm l-ebda xhud iehor ma semma kirja, dan ix-xhud irrepeta x'kien ighidlu huh. Xhud li ressqu l-atturi u li hadd ma attakka l-kredibilita' tieghu. Waqt il-gbir tal-provi ma rrizultax li dan ix-xhud seta' kellu xi interess li ma jghidx il-verita'. Lanqas ma tressqu xhieda ohra, li m'humiex il-kontendenti, li qalu li Carmel Mifsud kien ighid li l-kamra hi proprjeta tieghu. Il-verzjoni li ta Joseph Mifsud hi rilevanti biex jigi determinat jekk Carmel Mifsud kienx qieghed izomm il-kamra fl-interess ta' haddiehor. Calcedonio Mangion, xhud iehor li ngieb mill-atturi, xehed li Angela Vassallo, maghrufa bhala c-Ciniza, kienet issemmi li kellha kamra gewwa Delimara u "Kienet tghid li l-kamra hi taghha u li kienu hallew lil Karmenu Mifsud jidhol jonsob ghax kien dilettant." (fol. 91). Fil-fatt jirrizulta li Angela Vassallo kienet sid kamra f'dawk l-inhawi[2]. Tant hu hekk li b'testment li ghamlet fis-7 ta' Frar 1960 flimkien ma' zewgha Angelo Vassallo (fol. 22), hallew b'legat lil binhom Anthony Vassallo[3]: "il camra bil faccata tahha thares lejn nofsinhar u lejn il-bahar u li hija mibnija b'hitan tas-sejjieh b'saqaf tal-konkos, f'Delimara, contrada tat-Tunbrell, limiti ta' Marsaxlokk, bla numru u tinsab eretta fuq l-ghalqa tat-Tunbrell ta' proprjeta tal-istess testaturi."

"Dawn ix-xhieda jaghtu lill-qorti x'tifhem li Carmel Mifsud kien qieghed jippossjedi f'isem haddiehor. Skond l-Artikolu 2118 tal-Kodici Civili:

"Dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor jew il-werrieta taghhom ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom: bhal ma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji, u, generalment dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom." (fol. 23).

"Ifisser li Carmel Mifsud ma setax jakkwista bil-preskrizzjoni sakemm ma ssehhx l-interversjoni tat-titolu tal-pussess; "Sabiex ikun hemm interversjoni tat-titolu tal-pussess, u wiehed jibda jipposjedi animo domini, mhux bizzejjed l-affermazzjoni tad-drittijiet tieghu ta` proprjetarju, imma hemm bzonn li tkun rikonoxxuta mill-interessati. Id-dekorriment taz-zmien, akkompanjat minn x`uhud u mhux mill-karattri kollha tal-pussess legittimu, mhux sufficjenti ghal fini ta` din il-preskrizzjoni." (Borg vs Farrugia noe et, Appell Civili, 15 ta` Marzu 1957, Volum XLI.i.168). Sabiex ikun hemm l-interversjoni tal-pussess hu mehtieg li jkun hemm l-opposizzjoni ta' min qieghed izomm il-haga f'isem haddiehor fil-konfront tal-proprjetarju. M'huwiex bizzejjed li min qieghed izomm il-haga jaghmel fattieh. F'dan il-kaz m'hemmx prova li Carmel Mifsud qatt wera fil-miftuh lil sid il-kamra li qieghed izommha bhala sid u li ma kienex hemm opposizzjoni min-naha tas-sid."

---

[2] Paul Spiteri xehed li Angela Vassallo kienet in-nanna tieghu u l-kamra fejn kien jara lil Carmel Mifsud kienet taghha; "Il-kamra tan-nanna naf fejn qieghda. Hi l-istess kamra fejn jien kont nara lil Karmenu Mifsud." (fol. 89).

[3] Il-persuna li minghandu akkwista Joseph Mifsud.

3. L-aggravju tal-appellanti, in succint, huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha.

4. L-appellanti spjegaw dan l-aggravju billi spjegaw:

i. Il-fatt li l-atturi ma ddenunzjawx il-kamra ma kellux jinghata daqstant importanza mill-ewwel Qorti billi din il-kamra ma kinitx xi appartament jew xi fond ta' valur.

ii. L-ewwel Qorti zbaljat meta qalet li l-mansab ma giex denunzjat izda fil-fatt il-mansab u l-kamra kienu distinti minn xulxin, u l-mansab kien mikri lilhom minn terzi separatament u ghalhekk ma kellux jigi denunzjat.

iii. Ghalkemm kien hemm konflitt fix-xhieda, kien hemm xhieda indipendenti li wkoll ikkonfermaw il-verzjoni tal-appellanti illi l-kamra kienet dejjem fil-pussess ta' missierhom u anke xi xhieda prodotti mill-appellati bhal Gulio Tanti u Joseph Cilia li kkonfermaw dan.

iv. L-ewwel Qorti skreditat il-verzjoni tal-konvenut kompletament meta ddikjarat li ma emmnitx li kellu l-pussess esklussiv tal-kamra, ghalhekk rinfaccjata b'zewg verzjonijiet

tal-kontendenti, messha emmnet lill-atturi meta dawn gew anke korroborati minn xhieda ohra.

v. L-ewwel Qorti kienet zbaljata wkoll meta qalet li m'hemmx prova li l-omm, Frances Mifsud, kienet qeghda tippretendi li hi s-sid tal-kamra u li sahansitra giet imharrka bhala konvenuta. Dan gara pero` ghax wara li miet zewgha, u nqala d-dizgwid bejn l-ahwa, hija baqghet newtrali bejn uliedha u lanqas ipprezentat risposta.

vi. L-ewwel Qorti ma ghamlitx distinzjoni fuq il-fatt li l-kera li ssemmiet fix-xhieda kienet tirreferi ghal kera tal-mansab mhux tal-kamra. Calcedon Mangion jirreferi ghall-insib fix-xhieda tieghu.

vii. Missierhom qatt ma gie interpellat biex jizgombra mill-kamra avolja kien ghamel xoghlijiet sostanzjali fiha. L-atteggjament ta' Joseph Mifsud, l-appellat, tbiddel meta nqala' dizgwid bejn l-ahwa u huwa biddel is-serratura. Kien biss meta ma rnexxilux jiehu l-kamra, li huwa avvicina l-aventi kawza ta' Angela Vassallo biex titrasferilu l-istess kamra permezz ta' donazzjoni.

5. Il-konvenut appellat Joseph Mifsud wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez.

6. Hu ssottometta li l-fatt li l-appellanti ma hassewx in-necessita` li jiddenunzjaw l-kamra fil-causa mortis ta' missierhom huwa rilevanti. Il-causa mortis issir min-Nutar u mhux verosimili li Nutar mhux se jghidilhom li kellhom jiddikjaraw kwalunkwe proprjeta` immobbli kbira jew zghira. Fid-data tal-mewt ta' missier l-appellanti l-kamra, suppost, kienet diga` tieghu permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva u ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex din ma kellhiex tigi denunzjata. Ghall-appellanti tant ma kellhiex valur dina l-kamra, li pproponew dina l-kawza.

7. Dwar il-fatt li l-Qorti qalet li m'hemmx prova li l-omm, Frances Mifsud, kienet qeghda tippretendi li hi s-sid tal-kamra, l-appellat wiegeb li l-appellanti ressqu diversi ipotizijiet li pero` mhumiex sorretti mill-fatti.

8. L-allegazzjoni li l-mansab ta' hdejn il-kamra kien mikri minghand terzi mhijiex sorretta wkoll mill-provi. Rose Seguna tghid biss li l-mansab kien ta' certu Ciantar izda ma tghidx li missierha kien jikrih minghandu. Lanqas ma tezisti fl-atti xi ricevuta biex tissostanzja dina l-allegazzjoni.

9. In vista tal-verzjonijiet konfliggjenti li rrizultaw waqt is-smigh tal-kawza l-ewwel Qorti kellha bilfors tikkunsidra xhieda u cirkostanzi

indipendenti u nkonfutabbli sabiex tasal ghal verzjoni l-aktar kredibbli. Ix-xhieda indipendenti xehdu biss li ghalihom il-kamra kienet fil-pussess ta' Carmelo Mifsud, izda ma tefghu ebda dawl fuq in-natura ta' tali pussess. Pussess wahdu ma jgibx it-titolu ta' proprjeta` bil-preskrizzjoni akkwizittiva, sakemm tali pussess ma jkunx uti dominus. Min-naha l-ohra, Calcidonio Mangion u Joseph Mifsud (iz-ziju tal-kontendenti) it-tnejn jitfghu dawl car li l-kamra kienet ta' Angela Vassallo (ic-Ciniza) u li din kienet fil-pussess ta' Carmelo Mifsud b'titolu prekarju. Prova indipendenti ohra huwa t-testment unica carta ta' Angela Vassallo fejn hi u zewgha hallew wara mewthom b'legat lil binhom Anthony Vassallo dina l-kamra li sussegwentement huwa ddonaha lill-appellat Joseph Mifsud. Ix-xhieda ta' Anthony Vassallo imbaghad tikkonferma it-titolu ta' proprjeta li ommu kellha ta' dina l-kamra.

10. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti messha skartat il-verzjoni tal-appellat Joseph Mifsud meta rrizultalha li hu ma kellux il-pussess esklussiv tal-kamra, imma l-appellat ighid li dana l-fatt ma jistax igib fix-xejn ix-xhieda indipendenti li ppruvaw li Carmelo Mifsud ma kienx jiddetjeni l-kamra uti dominus.

11. Il-konvenuti kuraturi deputati ghall-assenti Anthony Vassallo wiegbu li l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti. Il-kuraturi jsostnu li l-appell ma sarx kontra taghhom imma

kontra l-appellat il-konvenut l-iehor Joseph Mifsud u r-rikors tal-appell gie notifikat lilhom mhux bhala l-parti appellata imma bhala parti notifikata ai termini tal-Artikolu 144(1) tal-Kap 12. Illi ghalhekk fil-konfront tal-konvenuti kuraturi appellati s-sentenza ghandha tigi kkunsidrata bhala li ghaddiet in gudikat.

12. Izidu li l-appellanti qed jappellaw mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, kemm dawk dokumentarji kif ukoll testimonjarji, ghalhekk, diment li ma jitressqux ragunijiet serji u konvincenti, Qorti ta' revizjoni m'ghandhiex, in linea ta' massima, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. L-aggravji tal-appellanti huma l-istess bhala dawk espressi quddiem l-ewwel Qorti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u ghalhekk l-appellanti qeghdin jittantaw jergghu jifthu indagini fuq mertu li gie diga` trattat u deciz.

13. Il-konvenuti kuraturi appellati qablu mal-ewwel Qorti u ghamlu referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Huma rrilevaw li l-appellanti fl-appell taghhom ma wrewx kif il-fatti jorbtu mal-kawzali ta' preskrizzjoni akkwizitiva. L-appellanti ssenjalaw selettivament bicciet mix-xhieda li huma favur il-verzjoni taghhom imma dawn ma jghidux li Carmelo Mifsud kien fil-pussess tal-kamra uti dominus. Mill-banda l-ohra, Joseph Mifsud (iz-ziju tal-kontendenti) kien jghid li Carmelo Mifsud kien jistqarr mieghu li l-kamra qeghda ghandu b'titolu ta' kera minghand

Angela Vassallo, fil-waqt li Calcedonio Mangion jafferma li Angela Vassallo stqarret mieghu li kienet ikkoncediet b'tolleranza l-kamra lil Carmel Mifsud minhabba d-delizzju tieghu tal-insib. Is-sid vera tal-kamra kienet dejjem Angela Vassallo, maghrufa bhala c-Ciniza, u wara mewtha fl-1981, il-kamra ghaddiet ghand binha, Anthony Vassallo b'testment tas-7 ta' Frar 1960. Imbaghad b'kuntratt datat il-31 ta' Jannar 2007 in atti tan-Nutar A. Sciberras Trigona l-konvenut Anthony Vassallo ghadda din il-kamra b'titolu ta' donazzjoni lill-konvenut appellat Joseph Mifsud. Ma kien hemm ebda kwistjoni ta' frodi jew aljenazzjoni ta' hwejjeg haddiehor ghalhekk it-talba ghall-annullament tal-att notarili ma tistax tirnexxi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. F'din il-kawza l-atturi appellanti talbu li jigi dikjarat li l-kamra li tinsab eretta fuq l-ghalqa maghrufa tat-TUNBRELL ossija tat-TUMBRELL f'Delimara, limiti ta' Marsaxlokk hija proprjeta` tal-eredi tal-mejjet Carmelo Mifsud u ta' martu Frances Mifsud (genituri tal-kontendenti) stante li l-istess Carmelo Mifsud kien akkwistaha permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva matul iz-zwieg u ghalhekk l-kuntratt ta' donazzjoni tal-31 ta' Jannar 2007, in atti tan-Nutar Alex J Sciberras Trigona huwa null u bla effett stante li hu karpit minn mala fede u consilium fraudis ghaliex din il-kamra ma kinitx proprjeta` tal-venditur fil-mument tal-bejgh.

15. Il-konvenuti kkontestaw dawn it-talbiet billi ma kienx minnu li l-kamra in kwistjoni giet akkwistata minn Carmelo Mifsud bil-preskrizzjoni akwizittiva u ghalhekk ma hemm ebda raguni ghaliex il-kuntratt ta' donazzjoni kellu jigi annullat.

16. L-ewwel Qorti ddecidiet li l-atturi ma provawx li l-genituri taghhom kienu saru proprjetarji tal-kamra oggett tal-kawza bil-preskrizzjoni akkwizittiva.

**Eccezzjoni preliminari**

17. Il-kuraturi jsostnu li l-appell ma sarx kontra taghhom imma kontra l-appellat l-iehor Joseph Mifsud biss u r-rikors tal-appell gie notifikat lilhom mhux bhala l-parti appellata imma bhala parti notifikata ai termini tal-Artikolu 144(1) tal-Kap 12. Illi ghalhekk fil-konfront taghhom is-sentenza ghandha tigi kkunsidrata bhala li ghaddiet in gudikat.

18. L-artikolu 144(1) tal-Kap 12 jipprovdi li:

> "Appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-ohra kollha jew kull wiehed minnhom. L-appellant ghandu jindika fir-rikors ta' appell il-partijiet li kontra taghhom l-appell ikun qed isir. Ir-rikors ta' appell ghandu jigi notifikat lill-partijiet kollha izda l-partijiet biss li kontra taghhom isir l-appell ghandhom fi zmien ghoxrin jum jipprezentaw it-twegiba li jkun fiha r-ragunijiet ghaliex l-appell ghandu jigi michud."

19. Illi fil-kaz in ezami ghalkemm fl-atti hemm fejn jidher li l-appellat huwa Joseph Mifsud, izda jirrizulta li l-konvenuti kuraturi appellati kienu nghataw zmien mill-Qorti (ara verbal tat-18 ta' Novembru 2019 a fol. 383) biex jipprezentaw it-twegiba taghhom ghall-appell. Inoltre mir-rikors tal-appell jirrizulta li t-talba tal-appellanti hija fis-sens li filwaqt li l-Qorti tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti appellanti, tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati appellati, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati. Dan ma jistax ikun mod iehor billi t-tieni u t-tielet talbiet kienu konsegwenzjali u ghaldaqstant intimament marbuta mal-ewwel talba. L-appellanti bil-fors kellhom jappellaw kontra l-konvenuti.

**Aggravju fil-mertu**

20. L-atturi appellaw minn dina s-sentenza bl-aggravju li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha. Huma ma jaqblux mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li huma ma tawx prova li l-genituri taghhom kienu saru proprjetarji tal-kamra oggett tal-kawza bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena.

21. Illi gie kostantement ritenut li:

> "Din il-Qorti ttenni li meta jitqajjem quddiemha aggravju ta' appell li jolqot l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn qorti tal-ewwel grad, hi thares b'reqqa lejn l-istedina li tkun qieghdha ssirilha biex taghmel il-valutazzjoni taghha ta' dawk il-provi minflok dik tal-ewwel Qorti. Ghalkemm din il-Qorti ghandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'ghandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm ragunijiet

> tabilhaqq serji biex taghmel dan. Il-funzjoni ta' revizjoni li trid taghmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-ezercizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti bhallikieku ma sar xejn. Ghall-kuntrarju, jekk jirrizulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wiehed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sintezi tar-ragunament mibni fuq dawk il-provi u t-thaddim xieraq tal-ligi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni (ara **Cyril Worley et v. Emanuel Ellul et**, App 27/3/2020)."

22. Ghalhekk din il-Qorti hija obbligata li tezamina mill-gdid il-provi in atti.

23. Illi fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti sabet li kien hemm konflitt fil-provi pero` l-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll ix-xhieda u cirkostanzi indipendenti sabiex waslet ghal verzjoni l-aktar kredibbili.

> "Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:
>
> "1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;
>
> "2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". App. 'Maria Xuereb et vs Clement Gauci et' 24/3/2004;
>
> "Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li l-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant". (.P.A. M.Xuereb vs P. Martinet 31/10/2013.).Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta bhala fatti li l-kontendenti huma l-eredi tal-genituri taghhom u wirtu l-kamra mertu ta' dina l-kawza. Imbaghad f'certu zmien l-appellanti skoprew li l-appellat Antonio Vassallo kien ta b'donazzjoni dina l-kamra lill-appellat l-iehor Joseph Mifsud u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza biex jigi

annullat il-kuntratt ta' donazzjoni ghax l-appellanti jsostnu li dina l-kamra kien ta' missierhom b'usucapione."

24. Illi l-Qorti trid tiddetermina jekk fil-fatt il-kamra kinitx proprjeta` tal-genituri tal-kontendenti. L-appellanti jghidu li l-kamra inkisbet minn fuq Carmelo Mifsud u martu Frances in usucapione ghalhekk huma jridu jippruvaw li fir-realta` il-kamra kienet saret proprjeta` ta' Carmel Mifsud bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin (30) sena.

25. Il-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena ma tirrikjedix la titolu u lanqas buona fede, izda tehtieg pussess legittimu ghaz-zmien kollu ta' tletin sena. Il-pussess sabiex ikun legittimu ghandu jkun bl-animus domini, kif ukoll li jkollu l-elementi ta' kontinwita`, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku matul dan iz-zmien kollu ta' tletin sena.

26. Kif ritenut minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Fenech v. Mada Developers Limited et**:

> "Hu maghruf inoltre li l-elementi tal-pussess civili f'dan il-kaz, huma tnejn: dak materjali, igifieri l-poter ta' fatt fuq il-haga; u l-iehor intenzjonali, igifieri l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien il-proprjetarju taghha. Dan ifisser mela li ma jikkostitwixxix pussess civili dak li jonqos fih wiehed jew iehor minn dawn iz-zewg elementi."

27. Fil-kaz ta’ preskrizzjoni akkwizittiva, il-prova trid tkun wahda cara u inekwivoka, tant li fid-dubju l-Qorti ghandha tiddeciedi kontra min jinvoka l-preskrizzjoni.

28. Din il-Qorti se tezamina mill-gdid il-provi in atti biex tara jekk l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti huwa wiehed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u jekk il-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata humiex sintezi ta’ ragunament mibni fuq dawk il-provi u t-thaddim xieraq tal-ligi dwarhom.

29. Mill-atti jirrizultaw il-verzjonijiet konfliggenti tal-kontendenti; hemm ix-xhieda ta’ dawk li jghidu li Carmelo Mifsud kellu pussess tal-kamra imma ma jafux jekk hu kienx is-sid taghha jew kienx jippossjediha uti dominus. Xhieda ohra jghidu li ma jafux min kien is-sid tal-kamra. Hemm imbaghad xhieda indipendenti li jghidu li l-kamra kienet ta’ Angela Vassallo, maghrufa bhala c-Ciniza li ghaddiet din il-kamra lil Carmelo Mifsud b’tollerenza. Hemm ukoll provi dokumentarji li jikkorroboraw dawn il-verzjonijiet.

30. L-atturi Mary Rose Seguna u Anthony Mifsud xehdu li l-kamra kienet minn dejjem ghand missierhom li kien jghid li l-kamra kienet tieghu. Anthony Mifsud jghid li hu ma ghandux fil-pussess tieghu dokumenti li

jistghu jaghtu prova li l-kamra kienet proprjeta` ta' missieru pero` missierhom kien jghidilhom li hadd ma kien se jkeccihom minnha.

31. In succint il-verzjoni tal-konvenut Joseph Mifsud hija li hu kien jiehu hsieb il-kamra ma' missieru u kien ghamel hafna tiswijiet fil-kamra u anke dahhal il-meter tal-ilma. Hu kien in kuntatt mas-sid tal-kamra, Anthony Vassallo li kien l-Awstralja. Kien jigi ta' sikwit Malta ghal vaganzi u kemm-il darba l-appellat talbu biex jixtri l-kamra li kienet f'idejh u jiehu hsiebha u fl-ahhar Vassallo kien tahielu b'donazzjoni. Xehed li missieru kien jghid li c-Ciniza kienet hallietu b'tolleranza.

32. Anthony Vassallo xehed li hu wiret il-kamra minghand ommu Angela Vassallo maghrufa bhala c-Ciniza b'testment taghha tal-1960. Kien ikkuntattja lil Joseph Mifsud li kien qed juza l-kamra u qallu li l-kamra kienet tieghu u biex jkompli jiehu hsieb il-kamra. Fl-2006 Joseph Mifsud kien talbu biex ibieghlu l-kamra u billi kien jikkunsidrah bhala wiehed tal-familja, kien tah il-kamra b'donazzjoni ghalkemm Joseph Mifsud baqa' jinsisti li ried ihallsu. Fuq domanda mill-atturi (ara domanda 7 a fol.157) hu wiegeb li meta kien telaq minn Malta il-kamra kienet okkupata mill-genituri tieghu li qalulu li Karmnu ic-Cambilaj kien talabhom permess biex ikun jista' jmur jonsob fl-ghalqa ta' madwar il-kamra. Mistoqsi (ara domanda 8 a fol. 157) min kien qed jokkupa l-kamra wiegeb li l-genituri

tieghu qalu lil Karmnu li kif hu (ix-xhud) jigi lura mill-Awstralja, Carmelo Mifsud jrid johrog minn hemm ghax hemm tieghu.

33. Il-konvenuta Mary Carmen Cilia, oht il-kontendenti, xehdet li l-kamra giet f'idejn missierha u kienet ta' xi hadd. Hu ried imur jonsob hemmhekk u talab il-permess u beda jaghmel uzu minnha. Lil missierha kienet tisimghu jghid li l-permess inghatalu biex jaghmel uzu minn dik il-kamra minn mara. Qatt ma xtara din il-kamra. Hi trabbiet bl-idea li l-kamra mhix ta' missierha. Lilu qatt ma semghetu jghid li l-kamra hija proprjeta` tieghu. Hu kien isemmi biex fil-kamra ma jaghmlux xi haga li mhix f'postha li tista' twassal biex is-sid jirrabja u jehodielhom (ara fol.104/5). Ommha ma kinitx riedet tikteb dina l-kamra fit-testment ghax fehmet li ma kinitx taghhom. Missier l-konvenuta kien isemmi persuna maghrufa bhala c-Ciniza bl-isem Angela Vassallo. Hi qatt ma semghetu jghid li kien sejjer ihallas il-kera ghand ic-Ciniza. Ma tafx jekk kienux talbu permess lis-sid biex isiru x-xoghlijiet fil-kamra.

34. Joseph Cilia (ir-ragel tal-konvenuta Carmen Cilia) ikkonferma li missier il-mara kien jiehu hsieb il-kamra. Hu kien jghid li l-kamra mhix tieghu; mistoqsi mill-Qorti, jekk waqt li kienu jkunu fil-post, missier il-mara qattx qal li qabad u dahal hemmhekk u li l-kamra m'hijiex proprjeta` tieghu, qal li le, "u qatt ma qalli dan il-kliem" (a fol. 126).

35. Gew prodotti xhieda ohra li ghalkemm jghidu li Carmelo Mifsud kellu pussess ta' dina l-kamra ma jghidux jekk hu kienx is-sid jew kif giet ghandu, jew li hu kien qed jagixxi uti dominus.

36. Anthony Bonnici (a fol. 70) xehed li Carmelo Mifsud kellu kamra Delimara. Hu ma jafx ta' min hi l-kamra. Carmelo Mifsud ma semmielux li xtara l-kamra. Ma ghandu ebda dettalji kif giet f'idejh din il-kamra.

37. Nazzareno Mifsud (a fol. 71) xehed li Karmenu kellu kamra Delimara. Mifusd qatt ma semmielu li kien wiritha dina l-kamra jew minn fejn gabha. Ma jafx min hu l-proprjetarju tal-kamra.

38. Frans Sammut xehed li jiftakar lil Carmelo Mifsud jghid li l-ghalqa u l-kamra lhom f'idejh ghal snin twal. Mistoqsi jekk jafx ta' min hi l-ghalqa u l-kamra ighid li jifhem li hi ta' Karmenu (L-atturi pero` mhux qed jghidu li l-ghalqa kienet ta' missierhom). Jghid ukoll li Karmenu qatt ma semmielu li l-kamra kienet mislufa. Ma kienx jghidlu kif giet ghandu.

39. Jerry Desira xehdet li dejjem taf lill-Karmenu fil-kamra ghax il-kamra tieghu kienet fejn taghhom. Dwar il-kamra qatt ma tkellmet mieghu.

40. Julio Tanti xehed li l-kamra hija tal-familja Mifsud imma ma jghidx kif giet ghandhom.

41. George Curmi jghid li m'ghandu ebda idea kif giet f'idejn Karmenu l-kamra.

42. Anthony Axisa xehed li m'ghandu ebda taghrif ta' min kienet il-kamra. Hu kien jara lil Joe u lil missieru hemmhekk.

43. Mario Grech xehed li kien jara lil Joseph Mifsud u missieru fil-kamra. Ma jafx ta' min hi l-kamra. Qatt ma tkellem dwar titoli maghhom.

44. Hemm imbaghad provi minn xhieda indipendenti li l-kamra hija ta' Angela Vassallo sive tac-Ciniza.

45. Pawlu Spiteri xehed li Angela Vassallo hija n-nanna tieghu. Meta kien zghir kien jismaghhom ighidu li hemm kamra tan-nanna. Kien jara lil Carmelo Mifsud go kamra li kienet tkun miftuha. Il-kamra tan-nanna naf fejn qeghda. Hi l-istess kamra fejn kont nara lil Carmelo Mifsud. Ma jafx Carmelo kienx ihallas biex jaghmel uzu minn dina l-kamra.

46. Illi Kalcedonio Mangion, habib ta' Carmelo Mifsud, sostna li hu eredi ta' Angela Vassallo, maghrufa bhala "c-Ciniza". Jghid li "Angela

kienet issemmi kamra gewwa Delimara ... Il-kamra li hemm il-kwistjoni dwarha bejn l-ahwa Mifsud kienet issemmiha. Kienet tghid li l-kamra hi taghha u li kienu hallew lil Karmenu Mifsud jidhol jonsob ghax kien delittant" (a fol. 91).

47. Joseph Mifsud, li jigi hu Carmelo Mifsud, kien sostna li kien beda' jmur fil-kamra minn meta kellu circa 11 jew 12-il sena. Fid-data ta' meta xehed (sena 2012), hu kellu 61 sena (a fol. 90) u kien beda jmur fil-kamra jonsob ma’ huh bejn wiehed u iehor mis-sena 1962. Dan ix-xhud, imsejjah mill-atturi appellanti, sostna li "Kont nismaghhom jghidu li l-kamra hi ta' xi wahda jghidulha c-Ciniza. Gieli smajthom jghidu wkoll li hi ta' Ciantar. Hija kull ma kien jghid kien li krieha minghand ic-Ciniza," (a fol. 91) Sostna wkoll li "Gieli smajtu jghid li sejjer ihallas xi kera, imma fejn imur ma nafx" Dan ix-xhud kien ukoll jaf min hi l-persuna msejha "c-Ciniza" u li isimha kien Angela.

48. B’testment li Angela Vassallo ghamlet fis-7 ta’ Frar 1960 flimkien ma’ zewgha Angelo Vassallo (fol. 22), hallew b’legat lil binhom Anthony Vassallo l-konvenut: “il camra bil faccata taghha thares lejn nofsinhar u lejn il-bahar u li hija mibnija b’hitan tas-sejjieh b’saqaf tal-konkos, f’Delimara, contrada tat-Tunbrell, limiti ta’ Marsaxlokk, bla numru u tinsab eretta fuq l-ghalqa tat-Tunbrell ta’ proprjeta tal-istess testaturi”.

49. Dan kwantu ghall-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti li abbazi taghhom hija waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie pruvat li l-kamra kienet ta' Carmelo Mifsud b'usucapione.

50. L-ewwel Qorti semmiet ukoll fil-konsiderazzjonijiet taghha biex waslet ghall dina l-konkluzjoni, il-fatt, ghaliha rilevanti, li ma jirrizultax li meta Carmelo Mifsud miet fl-1999, xi hadd minn uliedu kien iddenunzja din il-kamra. Qalet li sa dak iz-zmien kienu diga` ghaddew tletin (30) sena minn meta l-kamra kienet fil-pussess ta' Carmel Mifsud. Jekk kif qalu l-atturi missierhom kien sar sid tal-kamra bil-preskrizzjoni akkwizittiva, allura l-proprjeta` kellha tigi denunzjata skond il-ligi.

51. Fl-aggravju taghhom l-appellanti pero` jghidu li l-fatt li huma ma ddenunzjawx il-kamra ma kellux jinghata daqstant importanza mill-ewwel Qorti billi din il-kamra ma kinitx xi appartament jew xi fond ta' valur.

52. Jigi rilevat li din il-konsiderazzjoni kienet wahda minn diversi konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti. Fil-causa mortis iridu jigu dikjarati kwanunkwe proprjeta' immobbili kbira jew zghira. Fid-data tal-mewt ta' missier l-appellanti l-kamra suppost kienet diga` tal-atturi permezz tal-preskrizzjoni akkwizitiva ghalhekk kellhom jiddenunzjawha. Kif qalu l-appellati, ghall-atturi tant ma kellhiex valur dina l-kamra, li pproponew dina l-kawza. Mary Rose Seguna xehdet li missierha kien

qalilha li kieku jkun jaf li se jinqala' l-inkwiet fuq din il-kamra, igib gaffa u jwaqqaghha biex hadd ma jkollu xejn u ma jkunx hemm trouble.

53. L-oneru tal-prova f'dina l-kawza li l-kamra kienet tal-atturi b'usucapione kien esklussivament fuq l-atturi fuq l-istregwa tal-massima onus probandi incumbit ei qui dicit u kien jehtieg li din l-prova tkun univoka fis-sens li ma treggix jekk ic-cirkostanzi ta' fatt jistghu jaghtu lok ghall-interpretazzjoni differenti. Fil-fehma tal-Qorti in vista tax-xhieda prodotta specjalment dik indipendenti, li tikkorrobora aktar il-verzjoni tal-konvenuti, u anke mill-provi dokumentarji, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti mhijiex konvinta li fil-verita` il-kamra kienet saret proprjeta` ta' Carmelo Mifsud bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena. L-ewwel Qorti kkunsidrat ix-xhieda u cirkostanzi indipendenti sabiex waslet ghall-konkluzjoni dwar liema verzjoni kienet l-aktar kredibbili.

54. Il-preponderanza tal-provi kienet turi li l-kamra ma kinitx ta' Carmelo Mifsud imma ta' haddiehor (kollox jindika li kienet ta' Angela Vassallo) u li kienet fil-pussess tieghu b'mera tolleranza. Ghalhekk dawk li jzommu f'isem haddiehor ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infushom, u dana jghaddi kemm jghaddi zmien (Artikolu 2118 Kap 16). It-tolleranza ma tissodisfax l-element ta' pussess rikjest mil-ligi.

55. Ghalhekk fil-fehma ta’ dina l-Qorti l-apprezzament tal-provi li sar mill-Qorti tal-ewwel istanza kien wiehed ragjonevoli u setghet legalment tasal ghall-konkluzjoni minnha milhuqa.

**Decide**

56. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell tal-atturi appellanti, u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr